II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Jannar 2007

dwar il-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Ġappun għall-Implimentazzjoni Konġunta ta' l-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-Qasam tar-Riċerka dwar l-Enerġija mill-Fużjoni

(2007/614/Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skond id-Direttivi tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2000, kif emendati mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2002, is-26 ta' Novembru 2003 u l-25 ta' Novembru 2004, il-Kummissjoni mexxiet negozjati mal-Gvern taċ-Ċina, il-Gvern tal-Ġappun, il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Indja, il-Gvern tar-Repubblika tal-Korea, il-Gvern tal-Federazzjoni Russa u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar Ftehim għall-Istabbiliment ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER.

(2) Fil-Laqgħa Ministerjali li saret f'Moska fit-28 ta' Ġunju 2005, il-Partijiet fin-Negozjati ta' l-ITER qablu li l-ITER kellu jinbena f'Cadarache. Qablu wkoll dwar dokument konġunt anness dwar ir-rwol ta' l-entità ospitanti (Euratom) u dik mhux ospitanti (il-Ġappun) fil-Proġett ITER.

(3) Skond id-dokument konġunt imsemmi hawn fuq u emendat mid-Direttivi tal-Kunsill, il-Kummissjoni wettqet negozjati mal-Gvern tal-Ġappun dwar Ftehim għall-Implimentazzjoni Konġunta ta' l-Attivitajiet ta' Approċċ Usa'.

(4) Fl-20 ta' Ġunju 2006, waqt laqgħa f'Tokjo, ir-rappreżentanti ta' l-Euratom u tal-Ġappun adottaw ir-Rapport Finali tan-Negozjati dwar il-Ftehim ta' Approċċ Usa' li kkonferma t-tlestija tal-proċess tan-negozjati u rreġistra d-dokumenti sussidjarji mfassla mill-Euratom u mill-Ġappun.

(5) Fit-22 ta' Novembru 2006, ir-rappreżentanti ta' l-Euratom u tal-Ġappun iffirmaw Dikjarazzjoni Konġunta għall-implimentazzjoni ta' l-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' li tistabbilixxi dettalji rigward il-kontributi tal-Partijiet għall-Attivitajiet ta' Approċċ Usa'.

(6) Għandha tiġi approvata l-konklużjoni, mill-Kummissjoni, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Ġappun għall-Implimentazzjoni Konġunta ta' l-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-Qasam tar-Riċerka dwar l-Enerġija mill-Fużjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

1. B'dan hija approvata l-konklużjoni, mill-Kummissjoni, għal u f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Gvern tal-Ġappun għall-Implimentazzjoni Konġunta ta' l-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' fil-Qasam tar-Riċerka dwar l-Enerġija mill-Fużjoni.

2. It-test tal-Ftehim hu mehmuż ma' din id-deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Jannar 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
P. STEINBRÜCK